# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru : 336/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**JS**

**vs**

**MS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JS (ID 14072M), datat 30 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent u l-intimata MS izzewgu nhar l-isbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), u dana skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";*

2. *Illi l-partijiet kienu xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) minn Nutar Dottor Nicholas Vella skond kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'B';*

3. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla: KS li twieldet nhar l-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (1997);*

4. *Illi l-possibilta' ta' rikonciljazzjoni tar-rikorrent ma' mal-intimata hija impossibli ghal bosta ragjunijiet fosthom li huma ilhom legalment separati minn ma xulxin ghal dawn l-ahhar hames (5) snin;*

5. *Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali l-intimat obbliga ruhu li jhallas il-manteniment mensili hemm stipulat ghall-imsemmija KS, bint il-partijiet, liema KS taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena nhar l-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Inoltre l-Partijiet kienu iddekadew irrevokabilment mid-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin, liema rinunzja kienet wahda assoluta u irrevokabbili skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali surreferit;*

6. *Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn hames (5) snin, b'mod li r-rekwiziti tal-Artikolu 66(B)(a) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, stante li ilhom separati ghal iktar minn erba' (4) snin u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghax-xoljiment taz-zwieg u sabiex jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent JS jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' l-intimata MS bhala mahlul u ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-Partijiet, u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien stabbilit minnu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jista' jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument 'A'.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JS xehed** (vide affidavit a fol 22) illi huwa zzewweg lil MS nhar is-17 ta' Dicembru 1994 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni. Ikkonferma li dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-10 ta' Settembru 2015 in atti tan-Nutar Nicholas Vella. Di piu' xehed illi ir-rikonciljazzjoni bejniethom hija impossibbli u ma hemm ebda tama tal-istess. Ghal rigward il-manteniment huwa xehed illi dan dejjem thallas pjenament u issa li t-tifla ghandha l-eta ta' 23 sena, m'ghadx hemm aktar manteniment dovut.

**MS xehdet** (vide affidavit a fol 23) u ikkonfermat u kkollaborat dak li xehed Seychell.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Dicembru 1994 liema zwieg ghandu certifikat numru 2348/1994 (vide dok A fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li llum hija maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, datat 10 ta' Settembru 2015 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2348/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**